# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Lulju 2026

NR 156/2026 | Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija | Data tal-Ħruġ: **09/09/2026**



Data tal-Għeluq: 02 ta' Settembru 2026



## Salient Points

- F'Lulju 2026, Malta rreġistrat żbilanċ proviżorju ta' €524.7 miljun fil-kummerċ tal-merkanzija.
- F'Lulju 2026, l-importazzjoni tal-merkanzija naqset b'25 fil-mija, filwaqt li l-esportazzjoni tal-merkanzija żdiedet b'37.1 fil-mija, fuq l-istess xahar tas-sena ta' qabel.
- Minn Jannar sa Lulju tal-2026, l-importazzjoni tal-merkanzija mill-UE kienet tammonta għal €3,251.4 miljun, li tirrappreżenta 59.5 fil-mija tal-importazzjoni kollha tal-merkanzija, filwaqt li l-esportazzjoni tal-merkanzija lejn l-UE laħqet id-€991.5 miljun, li tammonta għal 33.2 fil-mija tal-esportazzjoni kollha tal-merkanzija.

## Commentary

*Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f'Lulju 2026, kien irreġistrat deficit kummerċjali ta' €524.7 miljun, meta mqabbel mad-deficit ta' €993.1 miljun tal-istess xahar fl-2025.*

**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Lulju 2026**

F'din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet qed jingħata tagħrif dwar il-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f'Lulju 2026, kien irreġistrat deficit ta' €524.7 miljun meta mqabbel mad-deficit ta' €993.1 miljun ta' Lulju 2025. L-importazzjoni kienet ta' €1,010.9 miljuni, filwaqt li l-esportazzjoni kienet ta' €486.3 miljun, li jiġu tnaqqis ta' €336.8 miljun fl-importazzjoni u żieda ta' €131.6 miljun fl-esportazzjoni, meta mqabblin mal-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

It-tnaqqis fl-importazzjoni kien ġej l-aktar mill-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€290.6 miljun) u mill-Ikel (€31.6 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, l-akbar żidiet dehru fil-Kimika (€60.2 miljun), fl-Oġġetti mixxellanji tal-manifattura (€29.0 miljun) u fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€19.7-il miljun) (Tabella nru 3).

**Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta' kull xahar**




**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar-Lulju 2026**

Tul l-ewwel seba' xhur tas-sena, id-deficit naqas b'€607.8 miljuni meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta' qabel, u laħaq l-€2,478.8 miljun. L-importazzjoni kienet ta' €5,464.0 miljun, filwaqt li l-esportazzjoni kienet ta' €2,985.2 miljun. Dan fisser tnaqqis ta' €225.7 miljun fl-importazzjoni u żieda ta' €382.0 miljun fl-esportazzjoni fuq l-istess żmien tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

It-tnaqqis fl-importazzjoni kien ġej l-aktar minn importazzjoni aktar baxxa tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€371.9 miljun), tal-Kimika (€37.4 miljun) u ta' Tranżazzjonijiet u prodotti mixxellanji (€29.7 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm żieda fl-importazzjoni tal-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€200.9 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żidiet ewlenin kienu fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€171.7 miljun), fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€119.4-il miljun) u fil-Kimika (€50.7 miljun) (Tabella nru 3).

Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (59.5 fil-mija) u mill-Asja (21.4 fil-mija). Simili għas-sitwazzjoni tal-importazzjoni, l-akbar numri tal-esportazzjoni kienu rreġistrati lejn l-Unjoni Ewropea (33.2 fil-mija) u l-Asja (12.7 fil-mija). L-akbar żieda fl-importazzjoni ġiet mill-Gżejjer Verġni Brittaniċi (€161.5 miljun), filwaqt li l-importazzjoni minn Franza rreġistrat l-akbar tnaqqis (€545.9 miljun). L-esportazzjoni lejn il-Ġermanja rreġistrat l-akbar żieda (€54.4 miljun), filwaqt li dik lejn it-Turkija kellha l-akbar tnaqqis (€71.2 miljun) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi1: Lulju 2026**

F'Lulju 2026, id-deficit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi oġġetti speċifiċi kien jgħodd €182.5 miljun, meta mqabbel mad-deficit ta' €352.0 miljun li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2025. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €497.5 miljun u €315.0-il miljun, rispettivament, u b'hekk kien hemm tnaqqis ta' 8.8 fil-mija fl-importazzjoni u żieda ta' 62.8 fil-mija fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta' qabel (Tabella nru 1).

**Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Data ta' kull xahar**




**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Jannar-Lulju 2026**

Tul l-ewwel seba' xhur tal-2026, id-deficit fil-kummerċ tal-merkanzija li jeskludi xi oġġetti speċifiċi naqas bi €354.3 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta' qabel biex laħaq l-€1,491.6 miljun. L-importazzjoni naqset b'4.0 fil-mija, filwaqt li l-esportazzjoni żdiedet bi 13.4 fil-mija biex laħqu t-€3,311.3-il miljun u l-€1,819.7-il miljun, rispettivament (Tabella nru 1).

**Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija**

*Tqabbil mal-istess xahar ta' sena qabel*




**Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti**

*Xahar ta' riferenza: Lulju 2026*




**Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun**

*Xahar ta' riferenza: Lulju 2026*




[1] Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f'Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara nota nru 8 fil-metodoloġija.

Nota: It-totali jistgħu ma jgħoddux eżatt minħabba l-arrotondament.

Abbona għall-aħħar aħbarijiet

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Ġunju 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Mejju 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: April 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Marzu 2026

Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Frar 2026

Temi Oħra Relatati

Il-Bilanċ tal-Pagamenti

Il-Globalizzazzjoni u l-Istatistika tan-Negozju

Il-Kontijiet Nazzjonali

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

trade.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula